MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 133/2008

**Atlas Insurance PCC Limited (C 5601), f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Foodfinders Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**Vs**

**Eurocargo Freight Services Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ossija 'avviz' li bih is-socjeta' rikorrenti talbet sabiex dik intimata tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-stess socjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' hamest elef hames mija u sebgha u sittin Ewro u ghoxrin centezmu (€5,567.20c) (ekwivalenti ghal Lm2,390.00c), rappresentanti danni fil-merkanzija appartenenti lill-assigurata tas-socjeta' rikorrenti u spejjez tas-survey relattiv, bhala s-socjeta' inkarigata mit-trasport tal-merkanzija lejn Malta, liema konsenja waslet Malta fuq il-bastiment MV Majestic fid-19

ta’ Marzu 2007, liema danni diga’ thallsu mis-socjeta’ rikorrenti ai termini tal-polza relattiva.

Bl-imghax mit-28 ta’ Gunju 2007 u bl-ispejjez kontra l-intimata, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 8, fol 9 u fol 11 ibid.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ intimata (fol 10 ibid) u li biha rrispondiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi s-socjeta’ intimata ma kienetx responsabbli ghall-ebda danni li allegatament gew ikkagunati fil-konsenja li waslet Malta fuq il-bastiment MV Majestic fid-dsatax (19) ta’ Marzu 2007.
2. Illi r-responsabilita’ ta’ dina l-kunsenja kienet effetivament f’idejn s-socjeta’ Attrans Limited u ghalhekk ikun opportun ukoll illi l-esponenti jikkjamaw fil-kawza lill-istess socjeta’ Attrans Limited liema socjeta’ ghandha tbaghti l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.
3. Illi f’kwalunkwe kaz is-socjeta’ rikorrenti ghandha ggib prova tad-danni li gew ikkaguanti fil-kunsenja li waslet Malta fuq il-bastiment MV Majestic fid-dsatax (19) ta’ Marzu 2007.
4. Illi s-socjeta rikorrenti ghandha ggib prova tal-hlas effettiv li hija ghamlet lis-socjeta’ assikurata taghha Foodfinders Limited flimkien ma’ prova tas-surroga.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Rat in-nota tal-istess socjeta’ intimata presentata u moqrija “seduta stante’ u li biha l-istess socjeta’ intimata <u>ammettiet</u> t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta’ intimata sabiex thallas lil dik rikorrenti s-somma ta’ €5,567.20c ekwivalenti ghal Lm2,390.00 bl-imghax legali mit-28 ta’ Gunju 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------